MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 41/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:
Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness (Dok A);
Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal E u F li ghadhom illum minorenni u li twieldu nhar il-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) u nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) rispettivament;

Illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap 16 huma sodisfatti stante :

- Illi l-partijiet ilhom ma jghixux flimkien minn Awissu tas-sena elfejn (2000) u cjoe meta l-intimat telaq mid-dar matrimonjali, u ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Anthony Abela tat-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Dok B), liema kuntratt ta' separazzjoni gie emendat permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph B wiehed datat sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok C) u iehor sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dok D);
- Illi ma hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom akar minn hdax (11) il-sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin tant li l-partijiet ifformaw rabtiet ma persuni ohra u l-intimat sahansitra ghandu tifel mis-siehba tieghu;
- Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni kif emendat, il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom ta' manteniment kontra xulxin;
- Illi ghal dak li jirrigwardja it-tfal, il-kura u l-kustodja tal-minuri Matthias giet fdata f'idejn l-intimat, filwaqt illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Thomas giet fdata f'idejn ir-rikorrenti. F'dan ir-rigward kif miftiehem kull parti qieghed jiehu / tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-minuri li qieghed jghix mieghu jew maghha, b'dan illi meta l-minuri l-kbir Matthias, li gie fdat f'idejn l-intimat, jaghlaq tmintax (18) il-sena, l-intimat obbliga ruhu li jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri Thomas ghaz-zmien kollu li jkun fadal sakemm l-istess minuri jaghlaq it-tmintax (18) il-sena, u dan kif pattwit permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet hekk kif emendat;

Illi ai fini tal-Art 66N (1) (a) u (b) jigi dikjarat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u jghixu Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ai termini tal-Art 66 A et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li sar bejn il-partijiet fit-tlettax (13) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti jaqbel illi l-partijiet izzewwgu fit-tlettax (13) ta’ Marzu tal-elf disa’ mija u tnejn u disghin (1992) skont ic-ceritifkat taz-zwieg (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bhala ‘Dok. A’) u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied u cioe’ E u F li ghadhom minorenni;

Illi l-esponent jaqbel ukoll illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Settembru tas-sena elfejn (2000) u legalment separati b’kuntratt redatt in atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela datat tmintax (18) ta’ Dicembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni (vide dokument anness u mmarkat mar-rikors promotur bhala ‘Dok B’) oltre li sussegwentement tali kuntratt ta’ separazzjoni gie emendat fis-snin 2003 u 2008 rispettivament kif jirrizulta fid-dokumenti annessi u mmarkati mar-rikors promotur bhala ‘Dok C’ u ‘Dok D’;

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn hdax-il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

Illi l-esponenti jaqbel ukoll illi skont l-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament mid-dritt taghhom li jircievu manteniment minn ghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju

skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghbha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u fl-istess waqt tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi r-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors promutur bil-gurament taghha;

Rat illi l-intimat ikkonferma ir-risposta tieghu bil-gurament;

Ikkunsidrat :

Illi gew sodisfatti ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Antony Abela tat-18 ta' Dicembru 2001;

Irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat ukoll illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni kif emendat il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom ta' manteniment kontra xulxin u illi ma hemm l-ebda problema rigward hlas ta' manteniment ghall-ulied minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------